# GĦADDEJ IŻ-ŻMIEN

*Ta'* WALLACE Ph. GULIA

I

Meta xi ħadd li darba tkun għażżejt
Jerġa' jitfaċċa wara tul ta' snin
U jifraħ bik, tistħajlu qisu qabeż
Minn kwadru mdendel fuq il-ħajt ta' sala;
Għad li mibdul bis-snin u l-ħajja neża'
Tal-jiem bikrija taż-żgħożija tiegħu!
U jagħtik dehxa; għax jekk huwa niżel
U ġbinu u ħaddejh bix-xfar imtlew,
It-tikmix tiegħek u l-kuħħala sewda
Li l-mera ta' kuljum ftit ftit nessietek,
Pass pass iż-Żmien għabbielek fuq spallejk.
Kif jista' jkun li waqt li ta' madwarek
Neżlin, jitkemmxu, jogħtru, inti waħdek
Tieqaf liż-Żmien u tkiddu flok ikiddek?
Imma sabiħ is-seħer tal-imgħoddi
Li jfakkrek jiem aħjar tar-raġel sħiħ!

II

Illum għaraft kemm kellek raġun tgħid,
Għannej tax-Xmara Avon, li giddieba
L-Imħabba ma tħallikx is-sew tixtarr
U tara dak li hu kif hu biż-Żmien
Mħedded, misruq, ftit ftit maqtul, imġebbed!
Għax jien ukoll fil-wiċċ sabiħ u safi
Tal-mara li ħabbejt, l-omm minn ta' wliedi,
Tikmix le rajt, w illum w għaxar snin ilu
Ma nbdiltx ħlief għall-aħjar: isbaħ għajnejk,
Mixjitek u persuntek, Sieħba tiegħi!
'Mma f'daqqa waħda ntbaħt li kollox sejjer
Nitfa w ħarira għall-agħar u fhimt 'l għajnejja
Qarquni, għax kif jista' jkun li kollox
Imejjel rasu għall-ħartiet tas-snin,
Biss ġmielek jibqa' jseħħ bħax-xemx f'miljitha?

## III

Sliem! La tibkix għax qed tixjieħ, żagħżugħa!
Ħajtek trid tkun, u jekk int le ma tikber,
Kif tridha tikber l-għajn li tagħti l-ħajja
Tfawwar il-qalb bil-ġemgħa tal-imgħoddi?
Fl-aħħar mill-aħħar mhux il-waqt għaddieni
Li jagħmlek nies! id-damma tal-għixien
Ftit ftit kull'um, jibnik u jagħtik sura,
Jagħżlek mill-bhima, jerfgħek ħada l-anġli,
U jtik ix-xbieha tal-Ħallieq ġo fik!

15/VI/'68